MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 58/2009

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Richard Cauchi u b'digriet tas-6 ta' Mejju 2009 giet kjamat in kawza l-Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti,**

Rat illi s-socjeta' attrici li precedentement kienet topera bhala Maltacom p.l.c. ipprezentat rikors nhar is-17 ta' Frar 2009 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hdax-il elf, hames mija w ghoxrin Ewro u tmienja w erbghin centezmu (€11,520.48) ekwivalenti ghal valuta antika ta' erbat elef disgha mija w hamsa w erbghin Lira Maltin u erbgha u sebghin centesmu (LM4945.74) in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati lil proprjeta' tal-istess socjeta' attrici fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, matul ix-xahar ta' Jananr 2007, u dan skond fattura bir-riferenza MC04494 datata 18 ta' Dicembru 2007 (File Relattiv GT3/2007/01).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u tal-ittri ufficcjali bir-referenza 1502/08 debitament notifikata u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Richard Cauchi fejn espona s-segwenti:-

"1*. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti ma hiex kompetenti illi tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici ai termini tal-Artikoli 741( c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi l-esponenti huwa residenti gewwa l-gzira ta' Ghawdex u ghalhekk qieghed jecepixxi l-'privilegium fori'.*

*2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponenti ma huwiex responsabbli ghad-danni mitluba mill-kumpanija attrici peress illi huwa uza d-dilgenza tal-missier tajjeb tal-familja fuq xoghlu u ghalhekk id-danni allegatament sofferti mill-kumpanija atttrici m'humiex imputabbli lilu.*

*3. Illi in ogni caso l-esponenti m'huwiex responsabbli ghall-hsarat allegatament sofferti mill-kumpanija attrici peress illi huwa kien gie mqabbad jaghmel xoghol mill-Korporazzjoni Enemalta u meta sehh l-incident huwa kien qieghed jimxi fuq struzzjonijiet precizi li taghtu l-istess Korporazzjoni Enemalta. Illi ghalhekk hija l-istess Korporazzjoni Enemalta illi hija responsabbli ghall-hsarat allegatament sofferti u ghalhekk ghandha tigi kkjamata fil-kawza. Ghal dan il-ghan qieghed jigiprezentat rikors 'ad hoc'.*

*4. Illi finalment il-kumpanija attrici ghandha tipprova illi hija sofriet xi dannu u l-ammont ta' tali dannu.*

5. *Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz*.

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tal-21 ta' Mejju 2008 u bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti tal-kumpanija attrici in subizzjoni*."

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Mejuu 2009 fejn laqghet it-talba tas-socjeta' attrici li tigi kjamata in kawza l-Korporazzjoni Enemalta a spejjez provizorji tal-konvenut.

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta fejn eccepiet is-segwenti:-

*"Illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Korporazzjoi m'hijiex assolutament responsabbli ghall-akkadut illi sehh unikament minhabba imperizja, traskuragni w nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti da parti tal-partijiet l-ohra f'din il-kawza.*

*Illi ghaldaqstant it-talbiet atturi fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta ghandhom jigu michuda.*

*Bl-ispejjez."*

Semghet lil **Victor Busuttil** nhar il-5 ta' Novembru, 2009 jixhed fil-kwalita' tieghu ta' Technical Executive mas-socjeta' attrici u jghid li dak iz-zmien tar-rapport huwa kien inkarigat minn *trench works* li jkunu qed isiru fit-triq, kif jigi mitlub minn kwalsiasi entita' li tkun ser thaffer, sabiex imbaghad huwa jibghat *supervisor* u jimmarka l-*cables on site*, u dan sabiex jigi evitat li l-*cables* jintlaqtu. Bil-kelma *trench works* ried ifisser kwalisasi thaffir.

Jispjega illi huwa ma kienx gie mitlub sabiex jibghat *overseer* ghax-xoghlijiet li kienu qed isiru fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, fejn gew milquta il-*cables*. Sussegwentement kien gie mitlub minn Technical Officer Vince Camilleri sabiex jibghat xi nies peress li kien hemm xi hsarat, u kien hekk biss li sar jaf bil-hsarat li effettivament sehhew.

**Vincent Camilleri** xehed nhar il-21 ta' Jannar 2010 u spjega li fil-gurnata meta sehh l-incident huwa kien Technical Executive mas-socjeta' attrici. Huwa kkonferma li kien ghamel rapport lill-pulizija, liema rapport jinsab esebit fl-atti a fol. 6 et seq. Spjega li dakinhar kien hemm

kuntrattur li kien qed ihaffer toqba biex jitpogga arblu tad-dawl, u waqt li kien qed ihaffer laqat cable. Mistoqsi min kien il-kuntrattur, jghid li ma jiftkarx, pero’ wara li hares lejn ir-rapport tieghu, li ghamel lill-pulizija esekuttiva, ftakar li kien Richard Cauchi.

**PS 581 Loreto Buttigieg** xehed nhar il-21 ta’ Jananr 2010 u kkonferma l-okkorrenza esebita fl-atti w immarkata bhala Dok D a fol 6 et seq. Qal li kien hu li dahhal ir-rapport fis-sistema nhar it-18 ta’ Jannar 2007 u kkonferma l-kontenut tieghu.

**Joseph Chircop** xehed fl-istess jum tal-21 ta’ Jannar 2010 in rappresentanza tal-ADT u kkonferma li mir-*records* taghhom ma hareg l-ebda permess mill-ufficcju sabeix isiru xi xoghlijiet gewwa Mosta Road, San Pawl il-Bahar, u dan b’referenza ghal jum 17 ta’ Jannar 2007.

**Alison Zammit** xehdet fl-istes jum in rappresentanza tas-socjeta’ attrici fil-kwalita’ taghha ta’ Inginiera. Qalet li huma kellhom haddiema taghhom jahdmu fl-istess triq faccata fejn sehh l-incident u gew danneggjati xi cables dak in-nhar tal-incident. Tghid li l-kuntrattur taghhom Edward Haber kien qasam it-triq meta nduna bil-hsara li giet kagunata u talab l-assistenza tan-nies li kien hemm biex jaraw ghaliex kien inqata’ l-cable. Wara li sehh l-incident hija marret fuq il-post u ndunat li kien hemm speci ta’ hofra fl-art u l-pajpijiet miksura. Naturalment in segwitu’ saru t-tiswijiet necessarji. Fil-fehma taghha l-persuna responsabbli ghal dawn id-danni kienet Richard Cauchi.

Hija giet murija tlett ritratti markati bhala Dok A, B u C u kkonfermat li dawk kienu r-ritratti tal-hsara li kien hemm. Hija ppreparat rendikont tal-ispejjez involuti ghal dawn it-tiswijiet li gie mmarkat bhala Dok D. Fih hemm il-prezz tal-materjal kif ukoll tax-xoghol li kellu jsir. Mistoqsija min ha r-ritratti tghid li ma tafx, pero’ jista’ jkun li kien Vincent Camilleri.

**Edward Haber** xehed fil-kapacita’ tieghu ta’ *foreman* mas-socjeta’ GO p.l.c. Spjega li huma kienu qed jaghmlu xi

xoghol konsistenti fi twahhil ta’ *cabinet* maghrufa bhala kaxxa tat-telefon, fi Triq Mosta, San Pawl il-Bahar. F’xi hin marret persuna fuqu w qaltlu jekk setax imur hdejh ghaliex kien laqat cable u forsi huma setghu jirrangawh. Jghid li huwa mar u nnota li kien *fibre optic* li tqatta’ w mhux cable zghir. Spjega li l-hsarat kienu kbar ghaliex kien hemm il-*copper*. Jghid li fil-fatt kien *primary cable* li laqat u ghalhekk kien cempel lis-superjur tieghu Vincent Camilleri.

Huwa gie muri zewg ritratt a fol. 46 u fol. 47 u kkonferma li hemmhekk jidher il-*fibre optic* li tkellem dwaru. Jghid li meta haffru aktar fil-fond sabu li kien hemm aktar hsara. Mistoqsi min kienet il-persuna li marret tkellmu, jghid li kien xi hadd minn Ghawdex.

Rat in-nota tal-konvenut **Richard Cauchi** tas-27 ta’ April 2010 li permezz taghha gie esebit l-affidavit tieghu li gie mmarkat bhala Dok RC 1. Dan spjega li huwa jahdem ghal rasu u fost ix-xoghol li jaghmel ghandu dak mal-Enemalta. Jghid li fis-17 ta’ Jannar 2007 kien cempillu s-Sur Castillo, *foreman* tal-Enemalta, w kien talbu jaghmel xi xoghol urgenti konsistenti fi twahhil t’arblu. Qal li l-arblu kien urgenti ghaliex il-linji kienu qed imissu mal-pompa tal-petrol. Is-Sur Castillio ndikalu fejn kellu jehel dan l-arblu u mmarkaw il-post bl-ispray. Huwa pprova bid-*detector* u dan immarka biss li kien hemm main tal-ilma li kien maqlugh ‘il barra mill-binja w ma kienx ser jaffettwa l-andament tax-xoghol.

Peress li kien kaz ta’ urgenza, dan sar minghjar il-permess tar-Raods Dept. tal-ADT, u dan peress sabiex tottjeni permess mill-ADR is-soltu trid tistenna xi tlett gimghat. Spjega li l-post fejn sar it-titqib kien mal-hajt u normalment ma jkunx hemm mains jew *culverts* ghadejjin.

F’dan il-kaz sid il-pompa tal-petrol kien prezenti w qal li minn tieghu ma kien ghaddej xejn. Waqt li beda x-xoghol innota li kienet saret xi hsara fil-*cable* u minnufih ghamel kuntatt mal-Maltacom, u dan ghamlu b’sens ta’ responsabilita’ ghaliex kieku ried seta’ telaq minn fuq il-post minghajr hadd ma jidnuna. Huwa ha l-

prekawzjonijiet kollha meta haffer, u dan fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-Korporazzjoni Enemalta.

Ikkonferma wkoll li s-Sur Castillo, li kien fuq il-post, ma gibidlu l-ebda attenzjoni dwar jekk kellhomx permessi, qallu biss fejn ried l-arblu u dan b'mod urgenti.

**Jesmond Brincat** xehed nhar il-31 ta' Mejju 2010 u dan fil-kariga tieghu ta' Principal mal-Korprazzjoni Enemalta. Dan ikkonferma li Richard Cauchi kien jaghmel xoghol ghall-Enemalta, skond kuntratt li huwa kellu maghhom datat 14 ta' Ottubru 2005, liema kutratt gie esebit u mmarkat bhala Dok CSH. Jghid li skond dan il-kuntratt hemm imnizzel l-i*specifications* li dan kellu jimxi bihom.

Jghid li fost il-kundizzjonijiet hemm stipulat fil-klawsola numru 2B li Richard Cauchi ghandu jassikura ruhu dwar is-servizzi li kienu ghaddejjin fuq dak il-post fejn effettivament ser jaghmel xi xoghol. Fil-fatt jghid li ghandu wkoll miktub illi huwa ghandu jottjeni kull permess relattiv mid-dipartimenti koncernati, qabel ma jibda bix-xoghol, u ghalhekk ghandu jkollu *cable* u *fibre detector* mieghu. Skond il-kuntratt, klawsola numru 10, il-kuntrattur, f'dan il-kaz Richard Cauchi, ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsarat li jaghmel lill-impjanti tal-Enemalta fil-qadi ta' dmirijietu, eskluz il-hsart li jigu kkagunati lil xi hxejjex. Huwa spejga li x-xhieda tieghu kienet limitata ghall-punto di vista ta' amministrazzjoni w mhux teknika. Mistoqsi x'jigri f'kaz ta' emergenza jghid li ma jafx.

**Ivan Castillo** xehed nhar il-31 ta' Mejju 2010 fil-kapacita' tieghu ta' Technical Distribution Officer mal-Korproazzjoni Enemalta w kien hu li kien qabbad lill-konvenut biex jaghmel ix-xoghol li sar. Kienu qallu li kien hemm bzonn li jitwahhal arblu sabiex jigu devjati xi wires li kienu mdendlin fuq il-pompa tal-petrol. Qal li ma kienx hemm xi urgenza mhux tas-soltu.

Jghid li huwa mar fuq il-post u ghamel il-*markings* mal-art, kif jaghmel is-soltu bhala procedura ta' fejn ghandu jitwahhal l-arblu. Qal li minkejja l-*markings* tieghu xorta jkun hemm xi *clearance* ta' nofs metru 'l hawn u 'l hinn.

F’kaz li jkun hemm hafna *supplies* ghaddejjin minn that, il-kuntrattur jinfurmah u jaghmlu *markings* ohra. F’dan il-kaz pero’ l-konvenut ma gharrfu b’xejn minn dan. Jghid li l-konvenut ma regax kellmu, salv biex jghidlu li ma kienx minnu li laqat cable, u fil-fatt jghid li x-xoghol ghadu pendenti. Huwa esebixxa faxxikolu b’xewg ritratti fejn kellu jitwahhal dan l-arblu. Jghid li huwa kien responsabbli ghal *markings* tal-Enemalta biss, jekk il-kuntrattur ikollu bzonn *markings* ohra, dan huwa responsabilita’ tal-kuntrattur stess. Jghid li huwa ma jaghmel l-ebda sorveljanza waqt li l-kuntrattur ikun qed jahdem.

Rat in-nota ta’ sottomissjoni tas-socjeta’ attrici pprezentata nhar it-28 ta’ Ottubru 2010 (fol. 78), dik tal-Korporazzjoni Enemalta pprezentata nhar it-30 ta’ Novembru 2010 u dik tal-konvenut ipprezentata nhar is-7 ta’ Dicembru 2010.

Rat illi l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza fis-seduta tas-7 ta’ Diembru 2010.

Ikkunsidrat:

Il-konvenut Richard Cauchi eccepixxa in linea preliminari, l-eccezzjoni tal-*privilegium fori*, u dan ghaliex huwa jghix Ghawdex. Illi din l-eccezzjoni qieghda tigi deciza flimkien mal-mertu. Fi kliem iehor qieghed jecepixxi l-inkompetenza tal-Qorti fuq l-Artikolu 741[c] tal-Kap 12 *“meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem Qorti partikolari”.*

Illi ghalkemm l-Artikolu 767 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) johloq il-*privilegium fori*, bl-Artikolu 770 ta’ l-istess Kodici, dan il-privilegg jispicca fil-kaz li l-kawza tkun obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita fi gzira partikolari. Dan ifisser li meta l-kawza tkun tivverti fuq obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita f’Malta, il-konvenut, ghalkemm residenti f’Ghawdex, ma jistax jissolleva din l-eccezzjoni u l-kawza trid tigi deciza mill-Qorti ta’ Malta. (Vide Appell Civili - **Alfred Cremona et vs Vanda armla Bradshaw** deciza 20 ta’ Mejju 1994 u Appell Civili - **John Borg vs**

**Salvatore Bonnici** deciza 19 ta’ Novembru 1954 **Gorg Vella et vs Reverendu Charles Cini** deciza 16 ta Frar 2001). Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi respinta.

**Dwar il-mertu.**

F’din il-kawza s-socjeta’ attrici qed tikkontendi li l-konvenut Richard Cauchi u/jew il-kjamata in kawza l-Korporazzjoni Enemalta, huma responsabbli ghad-danni li sofriet minhabba x-xoghol ta’ thaffir li kien qed jaghmel il-konvenut fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, taht l-istruzzjonijiet tad-dirigenti tal-Enemalta. Min-naha l-ohra l-konvenut Richard Cauchi jsostni li huwa mhux responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici, w dan ghaliex huwa fil-fatt kein qed jahdem skond id-direzzjoni moghtija lilu minn Ivan Castillo, il-Professional Technical Distributor tal-Korporazzjoni Enemalta. Is-socjeta’ Enemalta tghid li hi mhix responsabbli ghad-danni, w dan ghaliex il-konvenut naqas li josserva l-obbligi kontratwali li kellu maghha w cioe’ li jottjeni l-permessi kollha relattivi mill-Awtoritatjiet qabel ma jibda bit-thaffir, inkluz li jkun hemm il-markings kollha tal-awtoritajiet koncernati.

Illi ghalhekk il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali *'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'*. Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili, fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata *'beyond reasonable doubt'*, f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm *'moral certainty'*, certezza morali f'mohh il-gudikant, izda mhux bizzejjed li jkun hemm *'a mere possibility'*. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-*'balance of probabilities'*. (**Caruana Nancy Vs Camilleri Odette** deciza fit 13 ta’ Frar 2001 mill- Prim’ Awla).

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

c. *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d. *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-*

*razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***<u>Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco</u>*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Illi dwar l-*quantum* per se, w cioe' l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici bhala hsara li sofriet, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni minn hadd mill-partijiet, u l-kontestazzjoni hija centrata w limitata biss dwar min hu responsabbli ghall-hsarat li l-istess socjeta' qed tippretendi.

Illi Jesmond Brincat impjegat tal-Korporazzjoni Enemalta pprezenta waqt ix-xhieda tieghu il-kuntratt li kellu Richard Cauchi maghhom, u cioe' l-kundizzjonijiet u l-obbligi li l-istess Cauchi ghandu jsegwi meta jkun qed jaghmel xoghol ghan-nom tal-Enemalta.

Fil-klawsola numru 2 (b) hemm imnizel is-segwenti:-

" *The Contractor shall ensue that he has all the necessary information regarding any services, which might be located in/near the area to be excavated. It will be assumed that no excavation can be done before the exact location of services pertaining to Government, Parastatal or Private entities is carried out. For such reasons contractors shall be equipped with cable and pipe detectors*".

Waqt li taht it-titolu intitolat *Liabilities* klawsola numru 10 hemm imnizzel is-segwenti:-
"*The Contractor shall be responsabile and make good any loss or damage to the Enemalta articles, plant or equipment during loading, transit, unloading erection and uplifting operations. The Contractor shall also be responsible and make good for any damage suffered by Enemalta personnel whether to person or to property throughout the operation of this agreement. Also he shall be responsible for any damages that may be caused to Enemalta, Government and Private Property during the execution of the contract. Only reasonable damages to crops are excluded from these conditions. As such it is*

*very important that contractor obtains all relevant information regarding possible existence of services and* in addition shall be equipped with cable/services detection facilities.”

Illi ghalhekk il-Kuntrattur konvenut Richard Cauchi ghandu l-obbligu li qabel ma jibda bit-thaffir ghandu jassikura ruhu li jottjeni l-informazzjoni kollha relevanti w necessarja rigward is-servizzi li huma sitwati hdejn il-post fejn ghandu jsir l-iskavar u li l-ebda thaffir ma ghandu jibda qabel il-lok ta’ thaffir ma jigi pprecizat, sabiex b’hekk jigi evitat dannu. Dan ghaliex f’kaz li l-kutrattur ma jobdix dawn l-obbligi, huwa jkollu jaghmel tajjeb ghad-danni li jikkaguna.

Din hija kawza bazata fuq *quasi* delitt, tant li l-attur qed jibbaza l-kawza tieghu fuq il-provvediment ta’ l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili li jiddisponi li *“kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu”* (fol 195). Kwindi, ghandu jigi ppruvat ukoll li d-danni li sofriet is-socjeta’ attrici kienu rizultat dirett ta’ l-agir tal-konvenut jew tal-kjamat in kawza, jrid ikun hemm, kif jghid l-attur, konnessjoni logika ta’ kawza w effett bejn l-att u d-dannu. Biex persuna tinstab responsabbli ghad-danni, mhux necessarju li l-agir taghha jkun l-unika kawza tad-danni reklamati; anke jekk, b’’xi mod, ikkontribwiet bin-negligenza taghha ghall-hsara, ma tistax tahrab mir-responsabbilta’ (ara Kollez. Vol. XXXIV.II.581). Kull persuna, ovvjament, trid twiegeb ghall-ghemil taghha, u mhux responsabbli ghall-agir negligenti u traskurat ta’ haddiehor.

Illli huwa principju pacifiku w ben konoxxut, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi:

“*L’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli secondo i dettami dell’arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria.*” (**Vol. XXVII P I p 373**).

In effetti, “*huwa ghandu jiggarantixxi l-bonta’ tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi mplicita, tant li huwa tenut anke ghall-kolpa ljievi*.” (**Vol. XL P I p 485**).

A bazi ghal dawn il-principji, ssokta jigi precizat illi:
"*Min jintraprendi li jaghmel bicca xoghol, iwiegeb ghad-difetti minhabba xoghol hazin jew ghal xoghol ezegwit b'materjal hazin. Ghalhekk, il-kommittent, li jidhrilu li x-xoghol sar hazin, ghandu dritt jitlob li jigi verifikat, permezz ta' perizja teknika, jekk il-hsara li timmanifesta ruhha hijiex dovuta ghal difetti tal-arti tat-tqeghid jew tal-materjali.*" (**Vol. XLI P I p 667**).

Huwa minnu li f'xoghol ta' din in-natura, u dan jghodd dejjem anke ghal xoghlijiet ohra, jezistu regoli ta' tolleranza, anke 'n rigward ta' difetti accertati fil-*mano d'opera*. Dan pero` jibqa' hekk, entro l-arginar ta' certi limiti, u ghalhekk dan hu l-ezercizzju li ghandha taghmel din il-Qorti.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri nhar is-sitta (6) t'Ottubru 2004 fl-ismijiet **<u>Pierre Darmanin vs Moira Agius et</u>** gie mfisser l-obbligu t'appaltatur u cioe:-

*"L-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess, fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. L-appaltant ghandu l-obbligu li jezegwixxi xogholu sew, skond is-sengha w l-arti u jrid jippresta almenu kapacita` ordinarja. Dan fis-sens li hu ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu.*

*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt, huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ghax kif jinsab ritenut ukoll f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem".*

Dan hu hekk, avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa skond l-i*specifications* jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. L-appaltatur ghandu jirrezisti ordnijiet li jkunu ta' pregudizzju ghas-solidita` u kontra r-regoli tas-sengha u l-arti. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-

xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent.

Is-socjeta' attrici pprovat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hija sofriet danni fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur. Irnexxielha tipprova wkoll, anke minn ezami tal-okkorenza esebita mehuda mill-pulizija esekuttiva, li kien il-konvenut Cauchi li kkaguna dawn il-hsarat, meta haffer it-triq biex ipoggi arblu, kif mitlub mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Konvenut jghid li dan kien xoghol urgenti, ghalkemm il-Korporazzjoni Enemalta dan tichdu w tghid li dan kien xoghol normali. Il-Konvenut jghid li huwa nghata l-*markings* mill-Enemalta u r-rapprezentant taghha baqa' hemm waqt li huwa kien qed ihaffer it-triq, pero' ir-rapprezentant tal-Korporazzjoni jichad dan kollu w jghid li vera ghamel il-*markings* tal-Enemalta, pero' kien hemm bzonn ta' permessi minghand entitajiet ohra. Skond il-kuntratt iffirmat mill-konvenut dan kien l-obbligu tal-kuntrattur li jottjeni l-permessi kollha relattivi, w f'kaz li x-xoghol ma jsirx skond is-sengha w l-arti, w jikkawza xi hsarat lill-Korporazjoni Enemalta, huwa ghandu jaghmel tajjeb ghalihom. Dan hu proprju l-kaz odjern. Il-konvenut naqas li jottjeni l-permessi relattivi ghat-thaffir tat-triq, u naqas li jkollu l-*markings* kif suppost, u ghalhekk ghal dan in-nuqqas ghandu jinzamm responsabbli.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li <u>tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici w l-eccezjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta, qieghda tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut</u>, u dan billi tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma msemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta' hdax-il elf, hames mija w ghoxrin Ewro w tmienja w erbghin centezmu (€11,520.48).**

**L-ispejjez ta' din il-kawza w tal-ittra ufficcjali numru 1502/08 huma a karigu tal-konvenut u l-interssi ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali diga' msemmija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------